MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 199/2012

**Golcher Co Ltd**

**Vs**

**Interweb Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Marzu 2012 fejn is-socjeta attrici talbet illi s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkunddannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn mija u tlieta u tmenin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€2,183.55) rapprezentanti servizzi rezi u spejjez sburzati u inkorsi fuq istruzzjonijiet tas-socjeta intimata, ai termini tal-Invoices numri *274684, 275003 u 275139*.

Illi s-socjeta konvenuta giet debitament interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta, inkluzi tal-ittra legali tat-30 ta' Jannar 2012 bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tas-socjeta konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti tal-27 ta' April 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tas-27 ta' April 2012 u filfatt is-socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn mija u tlieta u tmenin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€2,183.55) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut inkluz dawk tal-Ittra Legali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------